Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

ta' l-14 ta' Ġunju 1988

li tistabilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet►M3 ———— ◄ ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini

(88/407/KEE)

(ĠU L 194 , 22.7.1988, p. 10)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva Tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 1990	L 71	37	17.3.1990
►**M2**	Id-Direttiva Tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990	L 224	29	18.8.1990
►**M3**	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/60/KEE tat-30 ta' Ġunju 1993	L 186	28	28.7.1993
►**M4**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003	L 122	1	16.5.2003
►**M5**	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/43/KE tas-26 ta' Mejju 2003	L 143	23	11.6.2003
►**M6**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Jannar 2004	L 30	15	4.2.2004

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' Ġunju 1988

li tistabilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ►M3 ——————— ◄ ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini

(88/407/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi d-dispożizzjonijiet relatati mal-problemi ta' saħħa ta' l-annimali fil-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali ta' l-ifrat u majjali jidhru fid-Direttiva 64/432/KEE ([4]), kif l-aħħar emendata b'Regolament (KEE) Nru 3768/85 ([5]); billi b'żieda, id-Direttiva 72/462/KEE ([6]), kif l-aħħar emendata f'Regolament (KEE) Nru 3768/85 fiha dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-problemi ta' spezzjoni veterinarja fuq l-importazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat u majjali minn pajjiżi terzi;

Billi d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq kienu assiguraw, f'dak li jirrigwarda l-kummerċ intra-Komunitarju u importazzjoni fil-Komunità ta' annimali ta' l-ifrat u majjali minn pajjiżi terzi, li l-pajjiż tal-provenjenza jiggarantixxi li l-kriterja tas-saħħa ta' l-annimal tkun ġiet imwettqa sabiex ir-riskju ta' tixrid ta' mard ta' l-annimali jkun ġie virtwalment eliminat; billi hemm b'dankollu ċertu riskju ta' tixrid ta' mard bħal dan fil-każ ta' kummerċ tas-*semen*;

Billi fil-kuntest tal-politika tal-Komunità li tarmonizza d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar is-saħħa ta' l-annimali, li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali u prodotti ta' l-annimali, issa huwa meħtieġ li tinħoloq sistema armoniżżata għal kummerċ intra-Komunitarju u importazzjoni fil-Komunità ta' *semen* ta' annimali ta' l-ifrat;

Billi, fil-kuntest ta' kummerċ intra-Komunitarju tas-*semen*, l-Istat Membru fejn ikun miġbur *is-semen* għandu jkollu l-obbligu li jassigura li dan is-*semen* ikun ġie miġbur u pproċessat f'ċentri ta' ġbir tas-*semen* li jkunu approvati u taħt sorveljanza, jkun ġie akkwistat minn annimali li l-istat tas-saħħa tagħhom ikun tali li jassigura li r-riskju tat-tixrid ta' mard ta' l-annimali jkun eliminat, ikun inġabar, ġie pproċessat, maħżun u ttrasportat skond ir-regoli li jippreservaw l-istat tas-saħħa tiegħu u li jkun akkumpanjat matul it-trasport lejn il-pajjiż tad-destinazjoni b'ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimal sabiex jiġi assigurat li dan l-obbligu jiġi sodisfatt;

Billi d-differenza fil-politiċi segwiti fil-Komunità f'dak li jirrigwarda l-vaċċinazjoni kontra ċerti mard tiġġustifika li jinżammu derogi, limitati fiż-żmien, li jawtorizzaw il-ħtieġa mill-Istati Membri, f'dak li jirrigwarda ċerti mard, ta' protezzjoni addizzjonali kontra dak il-mard;

Billi għall-importazzjoni tas-*semen* fil-Komunità minn pajjiżi terzi għandha tkun imħejjija lista ta' pajjiżi terzi biex tieħu kont tal-kriterja ta' saħħa ta' l-annimali; billi mingħajr preġudizzju għal din il-lista, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *semen* minn ċentri ta' ġbir tas-*semen* biss li jkunu laħqu ċertu livell u li huma taħt sorveljanza uffiċjali; billi, b'żieda, fir-rigward ta' pajjiżi f' dik il-lista,

([1]) ĠU C 267, tas-6.10.1983, p. 5.
([2]) ĠU C 342, tad-19.12.1983, p. 11.
([3]) ĠU C 140, tat-28.5.1984, p. 6.
([4]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
([5]) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
([6]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

▼B

kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali għandhom ikunu stabbiliti skond iċ-ċirkostanzi; billi, sabiex tkun ivverifikata l-konformità ma dawn l-istandards, verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu;

Billi proċedura għandha tkun ipprovduta għall-iskop li jkunu solvuti xi kwistjonijiet li joriġinaw bejn l-Istati Membri dwar jekk l-approvazzjoni ta' ċentru ta' ġbir tkunx iġġustifikata;

Billi l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw kunsinna ta' *semen* meta jkun ġie stabbilit li dan ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva; billi għandu jkun possibli li dan is-*semen* jintbagħat lura jekk dan ma jkunx kuntrarju għall-konsiderazzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u jekk il-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu jitlob hekk; billi l-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom ikunu infurmati bir-raġunijiet għall-projbizzjoni jew restrizzjoni u jakkwistaw l-opinjoni ta' espert;

Billi sabiex jiġi pprevenut it-trasmissjoni ta' ċertu mard li jittieħed, kontrolli ta' importazzjoni għandhom jitwettqu meta kunsinna ta' *semen* tasal fit-territorju tal-Komunità, ħlief fil-każ ta' transitu estern;

Billi wara dan il-kontroll, fil-każ ta' transitu intern, il-miżuri li jkunu ser jittieħdu mill-Istati Membri għandhom ikunu spjegati;

Billi Stat Membru għandu jkollu l-permess li jieħu miżuri ta' emerġenza fil-każ li tfaqqa' marda li tittieħed fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz; billi l-perikoli assoċjati ma dan il-mard u l-miżuri protettivi li huma jeħtieġu għandhom ikunu studjati bl-istess mod madwar il-Komunità kollha; billi għal dak l-iskop, proċedura ta' emerġenza tal-Komunità li permezz tagħha l-miżuri meħtieġa għandhom jittieħdu, għandha tkun institwita fil-Kumitat Veterinarju Permanenti;

Billi l-Kummissjoni għandha tkun fdata bit-teħid ta' ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva; billi għal dan l-iskop, proċedura għandha tkun stabbilita għal kooperazjoni mill-qrib u effettiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Veterinarju Permanenti;

Billi din id-Direttiva m'għandhiex taffetwa l-kummerċ tas-*semen* magħmul qabel id-data li fiha l-Istati Membri għandhom ikunu konformi magħha.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju fil- u importazjoni minn pajjiżi terzi ta' *semen* ►M3 ——————— ◄ ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat.

▼M5

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dispożizzjonijiet taż-*zootechnical* tal-Komunità u/jew nazzjonali li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-inseminazzjoni artifiċjali ġenerali u partikolarment id-distribuzzjoni ta' l-isperma.

▼B

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 64/432/KEE u l-Artikolu 2 tad-Direttiva 72/462/KEE għandhom japplikaw kif meħtieġ.

Aktar minn hekk:

(a) "*semen*" tfisser t-tnixxija mħejjija jew imħallta ta' annimal domestiku ta' l-ispeċi ta' l-ifrat;

▼M5

(b) — “ċentru ta' kollezzjoni ta' l-isperma” tfisser stabbiliment uffiċċjalment approvat u uffiċjalment issorveljat sitwat fit-territorju ta' Stat Membru jew f'terzi pajjiżi, fejn l-isperma hija prodotta għall-użu ta' inseminazzjoni artifiċjali;

— “ċentri ta' ħażna ta' l-isperma” tfisser stabbiliment uffiċjalment approvat u uffiċjalment issorveljat sitwat fit-teritorju ta' Stat Membru jew f'terzi pajjiżi fejn tinħażen l-isperma għall-użu ta' l-inseminazzjoni artifiċjali;

▼B

(ċ) “veterinarju uffiċjali” tfisser veterinarju innominat mill-awtorità ċentrali kompetenti ta’ Stat Membru jew ta’ pajjiż terz;

(d) “ċentru veterinarju” ifisser il-veterinarju responsabbli għall-konformità minn jum għal jum fiċ-ċentru mal-ħtiġiet stabbiliti f’din id-Direttiva;

(e) “kunsinna” tfisser kwantita ta’ *semen* koperta b’ċertifikat wieħed;

(f) “pajjiż ta’ ġbir” ifisser l-Istat Membru jew pajjiż terz li fih is-*semen* jinġabar u li minnu jkun intbagħat lejn Stat Membru;

(g) “laboratorju approvat” ifisser laboratorju li jinstab fit-territorju ta’ Stat Membru jew pajjiż terz innominat mill-awtorità veterinarja kompetenti biex iwettaq it-testijiet stabbiliti f’din id-Direttiva;

(h) “ġbir” ifisser kwantita ta’ *semen* meħudha minn donatur fi kwalunkwe żmien.

IL-KAPITOLU II

Il-Kummerċ Intra-Komunitarju

L-Artikolu 3

Kull Stat Membru għandu jassigura li *semen* li jilħaq il-kondizzjonijiet ġenerali li ġejjin jintbagħat mit-territorju tiegħu lejn it-territorju ta’ Stat Membru ieħor;

▼M5

(a) trid tkun inġabret u proċessata u/jew maħżuna jekk ikun hemm bżonn f'ċentru ta' kollezzjoni jew ħażna jew ċentri approvati skond l-għan ta' l-Artikolu 5(1), bil-ħsieb ta' inseminazzjoni artifiċjali u għall-għanijiet tal-kummerċ intrakomunitarji;

▼B

(b) għandu jinġabar minn annimali domestiċi ta’ l-ispeċi ta’ l-ifrat li l-istat tas-saħħa tagħhom ikun konformi ma’ l-Anness B;

(ċ) għandu jinġabar, jiġi pproċessat, maħżun u ttrasportat skond l-Annessi A u Ċ;

(d) għandu jkun akkumpanjat, matul it-trasport lejn il-pajjiż ta’ destinazzjoni, b’ ċertifikat ta’ saħħa ta’ l-annimali li jkun konformi ma l-Artikolu 6(1).

L-Artikolu 4

▼M5

▼M3

3. L-Istati Membri m’għandhomx jopponu d-dħul ta’ semen minn barrin imlaqqma kontra l-mard ta’ l-ilsien u d-dwiefer. B’dankollu, meta s-semen ikun ġie akkwistat minn barri li kien imlaqqam kontra l-marda ta’ l-ilsien u d-dwiefer matul l-aħħar perjodu ta’ tnax-il xahar qabel il-ġbir, 5 % tas-semen minn kull ġbir (b’minimu ta’ ħames tubi) intenzjonati biex jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor għandhom ikunu suġġetti għal, f’laboratorju ta’ l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew f’laboratorju maħtur minnha, għat-test ta’ l-iżolament tal-virus għal marda ta’ l-ilsien u d-dwiefer, b’riżultati negattivi.

▼B

L-Artikolu 5

1. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu iċ-►M5 ċentru ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ jkun jinsab għandu jassigura li l-approvazzjoni prevista fl-Artikolu 3(a) tingħata biss meta d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness A jkunu osservati u meta iċ-►M5 ċentru ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ jkun jista' jissodisfa d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

L-Istat Membru għandu jassigura wkoll li l-veterinarju uffiċjali jagħmel sorveljanza dwar l-osservanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet u għandu jirtira l-approvazjoni meta xi waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ma jkunux osservati aktar.

2. Iċ-►M5 ċentri ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ għandhom ikunu rreġistrati, u kull ċentru jingħata numru ta' reġistrazzjoni veterinarja. Kull Stat Membru għandu jibgħat lista ta' ►M5 ċentri ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ u n-numri tar-reġistrazzjoni veterinarja tagħhom lejn l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni u għandu jinnotifikahom b'kull approvazzjoni li tkun irtirata.

▼M2

▼B

Ir-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu addottati skond ►M5 il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄.

L-Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dħul tas-*semen* kondizzjonata fuq is-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' saħħa ta' l-annimal imħejji minn veterinarju uffiċjali ta' l-Istat Membru tal-ġbir skond l-Anness D.

Dan iċ-ċertifikat għandu:

(a) ikun imħejji f'mill-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' ġbir u waħda minn dawk ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni;

(b) jakkompanja l-kunsinna lejn id-destinazzjoni fl-għamla oriġinali tiegħu;

(ċ) ikun imħejji fuq karta waħda;

(d) ikun magħmul għal riċevitur wieħed.

2. (a) L-Istat Membru ta' destinazzjoni jista' jipprojbixxi d-dħul ta' kunsinni jekk verifika tad-dokumentazzjoni tiżvela li l-Artikolu 3 ma jkunx ġie osservat.

(b) L-Istat Membru ta' destinazzjoni jista' jieħu l-miżuri meħtieġa, inkluża l-ħażna fi kwarantina, sabiex jakkwista prova definittiva f'każi meta s-*semen* ikun issuspettat li jkun infettat jew ikkontaminat b'organiżmi patoġeniċi.

(ċ) Id-Deċiżjonijiet meħudha permezz ta' (a) jew (b) għandhom, fuq talba tal-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu, jawtorizzaw ir-ritorn tas-*semen*, sakemm dan ma jkunx kuntrarju għall-konsiderazzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal.

3. Jekk id-dħul tas-*semen* ikun ġie pprojbit fuq kwalunkwe bażi kif stabbilita fil-paragrafu 2 (a) u (b) u l-iStat Membru tal-ġbir ma jkunx fi żmien 30 jum awtorizza r-ritorn tas-*semen*, l-awtorità veterinarja kompetenti ta' l-iStat Membru tad-destinazzjoni tista' tordna li din tkun meqruda.

4. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità veterinarja kompetenti permezz tal-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu kkomunikati lill-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu, flimkien mar-raġunijiet għal dan.

▼M2

▼B

IL-KAPITOLU III

L-Importazjoni minn pajjiżi terzi

L-Artikolu 8

1. Stat Membru jista' jawtorizza importazzjoni tas-*semen* minn dawk il-pajjiżi terzi biss li jidhru fuq il-lista mħejjija skond ►**M5** il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄.

Dik il-lista tista' tkun issupplimentata jew emendata skond ►**M5** il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄.

2. Fid-deċiżjoni jekk pajjiż terz ikunx jista' jidher fuq il-lista msemmija fil-paragrafu 1, kont partikolari għandu jittieħed ta':

(a) l-istat ta' saħħa tal-bhejjem, annimali domestiċi oħra u annimali selvaġġi fil-pajjiż terz, b'referenza partikolari għall-mard eżotiku ta' l-annimali, u s-sitwazzjoni fis-saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, li tista tipperikola s-saħħa ta' l-annimali fl-Istati Membri;

(b) ir-regolarità u l-ħeffa ta' l-informazzjoni ippreżentata mill-pajjiż terz li tikkonċerna l-eżistenza tal-mard li jittieħed ta' l-annimali fit-territorju tiegħu, partikolarment dak il-mard imsemmi fil-lista A u B ta' l-Uffiċju Internazzjonali ta' Mard Epiżotiku;

(ċ) ir-regoli ta' dak il-pajjiż dwar prevenzjoni u kontroll ta' mard ta' annimali;

(d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji fil-pajjiż u l-poteri tagħhom;

(e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jipprevienu u jikkontrollaw mard ta' l-annimali li jittieħed; u

(f) il-garanziji li l-pajjiż terz ikun jista' jagħti fir-rigward tal-konformità ma din id-Direttiva.

3. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 u l-emendi kollha għaliha għandhom ikunu ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 9

▼M5

1. Il-lista ta' ċentri ta' kollezzjoni u ħażna ta' l-isperma minn liema l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-isperma oriġinata f'terzi pajjiżi għandha titħejja u tkun aġġornata skond dan l-Artikolu.

Stabbiliment jista' jitqiegħed biss f'din il-lista jekk l-awtorità kompetenti ta'pajjiżi terzi tigarantixxi li ntlaħqu l-kondizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 u 3(b) sa (e).

L-awtoritajiet kompetenti ta' terzi pajjiżi li jidhru fuq il-lista miktuba u aġġornata skond l-Artikolu 8 għandhom jiggarantixxu li l-lista taċ-ċentri ta' ġbir u ħażna ta' l-isperma minn fejn l-isperma tista' tkun trasmessa għall-Komunità huma miktuba, miżmuma aġġornati u kkomunikati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-punti ta' kuntatt nominati mill-Istati Membri b'notifikazzjonijiet regolari dwar listi ġodda jew aġġornati li hi tkun irċeviet mill-awtoritajiet kompetenti tat-terzi pajjiżi konċernati skond is-subparagrafu 3.

Jekk fi żmien 20 jum ta' xogħol min-notifika tal-Kummissjoni l-ebda Stat Membru ma joġġezzjona għal-lista ġdida jew aġġornata, l-importazzjoni għandha tkun awtorzzata mill-istabbilimenti li jidhru fuq il-lista 10 ijiem ta' xogħol wara li l-Kummissjoni tagħmilha disponibbli għall-pubbliku.

Meta ta' l-anqas Stat Membru jagħmel kummenti bil-miktub jew kull meta hija tħoss il-ħtieġa li l-lista għandha tkun emendata fid-dawl ta' informazzjoni relevanti bħar-rapport ta' spezzjoni tal-Kummissjoni jew ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa taħt l-Artikolu 12, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membri kollha u tinkludi l-kwistjoni lis-settur

▼M5

relevanti fl-aġenda tal-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat Permanenti tal-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali għad-deċiżjoni skond il-proċedura li hemm imniżżla fl-Artikolu 18(2).

Il-Kummissjoni għandha tirranġa l-verżjonijiet aġġornati tal-listi kollha sabiex ikunu disponibbli għall-pubbliku.

▼B

2. Fid-deċiżjoni dwar jekk iċ-►M5 ċentri ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ f'pajjiż terz ikunx jista' jidher fil-lista msemmija fil-paragrafu 1, għandu jittieħed kont partikolari tas-sorveljanza veterinarja tas-sistema tal-produzzjoni ta' *semen* fil-pajjiż terz, il-poteri tas-servizzi veterinarji u s-sorveljanza li għaliha ċ-►M5 ċentri ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ ikunu suġġetti.

3. ►M5 Ċentru ta' kollezzjoni jew ħażna ta' l-isperma ◄ jista' jidher fil-lista prevista fil-paragrafu 1 biss jekk:

(a) ikun jinsab f'wieħed mill-pajjiżi fil-lista msemmija fl-Artikolu 8(1);

(b) jissodisfa il-ħtiġiet tal-Kapitoli I u II ta' l-Anness A;

(ċ) ikun ġie uffiċjalment approvat għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterenarji tal-pajjiż terz konċernat;

(d) ikun taħt is-sorveljanza ta' ċentru veterinarju tal-pajjiż terz konċernat; u

(e) ikun suġġett għal spezzjoni regolari minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz konċernat mill-anqas darbtejn fis-sena.

L-Artikolu 10

1. Is-*semen* għandu jiġi minn annimali li, immedjatament qabel il-ġbir tas-*semen* tagħhom, ikunu nżammu mill-anqas għal sitt xhur fit-territorju tal-pajjiż terz fuq il-lista mħejjija skond l-Artikolu 8(1).

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(1) u paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw l-importazzjoni tas-*semen* minn pajjiż terz ta' fuq il-lista sakemm is-*semen* ma jikkonformax mal-ħtiġiet ta' saħħa adottati, skond ►M5 il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄, għall-importazjoni tas-*semen* minn dak il-pajjiż.

Fl-adozzjoni tal-ħtiġiet imsemmija fis-subparagrafu preċedenti għandha tingħata konsiderazzjoni għal:

(a) is-sitwazzjoni tas-saħħa fiż-żona ta' madwar iċ-ċentru ta' ġbir tas-*semen*, b'referenza partikolari għall-mard li jidher fil-lista A ta' l-Uffiċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(b) l-istat ta' saħħa tal-merħla fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen*, inkluż il-ħtiġiet ta' testijiet;

(ċ) l-istat ta' saħħa ta' l-annimal donatur u l-ħtiġiet ta' testijiet;

(d) ħtiġiet ta' testijiet f'dak li jirrigwarda s-*semen*.

3. Il-bażi ta' referenza biex ikunu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimal skond il-paragrafu 2 rigward tuberkoloż ta' l-ifrat u l-bruċellosi għandhom ikunu standards stabbiliti fl-Anness A tad-Direttiva 64/432/KEE. Jista' jiġi deċiż, skond ►M5 il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄, fuq bażi ta' każ b'każ, li jitwarrbu dawn il-kondizzjonijiet meta l-pajjiż terz konċernat jipprovdi garanziji simili dwar is-saħħa ta' l-annimal; f'dak il-każ, il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk fl-Anness A ta' din id-Direttiva għandhom ikunu stabbiliti skond l-istess proċedura sabiex jippermettu d-dħul ta' annimali bħal dawk fiċ-ċentri ta' ġbir.

4. L-Artikoli 4 għandu japplika *mutatis mutandis*.

L-Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *semen* fuq il-preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal biss imħejji u iffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz ta' ġbir.

Dan iċ-ċertifikat għandu:

▼B

(a) ikun imħejji f'mill-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u waħda minn dawk ta' l-Istat Membru fejn il-kontroll ta' l-importazzjoni li hemm prevista fl-Artikolu 12 jkun imwettaq;

(b) jakkumpanja s-*semen* fl-oriġinal;

(ċ) ikun imħejji fuq karta waħda;

(d) ikun magħmul għal riċevitur wieħed.

2. Iċ-ċertifikat għandu jikkorrespondi mal-mudell muri skond ►**M5** il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄.

▼**M3**

Artikolu 12

Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-ivverifikar veterinarju fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjizi terzi ([1]) għandhom japplikaw b'mod partikolari għall-organizzazzjoni u l-verifiki sussegwenti li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u l-miżuri ta' salvagwardja li għandhom ikunu applikati.

▼**B**

IL-KAPITOLU IV

Miżuri ta' salvagward u kontroll

▼**M2**

L-Artikolu 15

Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna l-iċċekkjar veterinarju u zootekniku fil-kummerċ intra-Kommunitarju f'ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), għandhom jgħoddu b'mod partikolari għall-iċċekkjar, ta' l-oriġini, għall-organizzazzjoni ta', u prosegwiment ta' l-iċċekkjar, li għandu jsir mill-Istat Membr tad-destinazzjoni, u prosegwiment ta' l-iċċekkjar, ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, u tal-miżuri ta' ħarsien li għandhom jiġu implimentati.

▼**B**

L-Artikolu 16

1. Esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu, b'kooperazjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, iwettqu verifiki fuq il-post sakemm dawn ikunu indispensabbli biex jassiguraw applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.

Il-pajjiż ta' ġbir li fit-terrirorju tiegħu il-verifika tkun imwettqa għandu jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lill-esperti biex dawn iwettqu d-doveri tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiż ta' ġbir konċernat bir-riżultati ta' l-investigazzjoni.

Il-pajjiż ta' ġbir konċernat għandu jieħu kull miżura li tista' tkun meħtieġa biex jieħu kont tar-riżultati ta' l-investigazzjoni. Jekk il-pajjiż ta' ġbir ma jieħux dawk il-miżuri, il-Kummissjoni tista, wara li s-sitwazzjoni tkun ġiet eżaminata mill-Kumitat Veterinarju Permanenti, ikollu rikors għad-dispożizzjonijiet tar-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 5(2) u 9(1).

([1]) ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 1601/92 (ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.

([2]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.

▼B

2. Id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-frekwenza u l-metodu tat-twettieq tal-verifiki msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' paragrafu 1, għandhom ikunu stabbiliti skond ►**M5** il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(2) ◄.

IL-KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet finali

▼**M5**

Artikolu 17

L-Anness A għandu jkun emendat fuq proposta mill-Kummissjoni, mill-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, partikolarment sabiex jaddattah għall-avvanz fit-teknoloġija.

L-Annessi B, C u D għandhom ikunu emendati skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 18

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti tal-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilt bir-Regolamnet (KE) Nru 178/2002 ([1]).

2. Meta henm referenza għal dan il-paragrafu, għandhom jgħoddu l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([2]).

Il-perjodu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

▼B

L-Artikolu 20

1. Din id-Direttiva m'għandiex tapplika għas-*semen* miġbur u pproċessat fi Stat Membru qabel l-1 ta' Jannar 1990.

2. Sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet adottati skond l-Artikoli 8, 9 u 10, l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw għall-importazzjoni tas-*semen* minn pajjiżi terzi kondizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Kapitolu II.

L-Artikolu 21

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 1990, fl-aktar tard. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 22

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 31, ta' l-01.02.02, pġ. 1.
([2]) ĠU L 184, tas-17.07.99, pġ. 23.

▼**M5**

ANNESS A

KAPITOLU I

KONDIZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI UFFIĊJALI TAĊ-ĊENTRI

1. Ċentri ta' ġbir ta' l-isperma għandhom:

   (a) joqogħdu taħt is-sorveljanza permanenti ta' veterinarju responsabbli miċ-ċentru awtorizzat mill-awtortià kompetenti;

   (b) ta' l-anqas għandu jkollu:

      (i) fejn joqagħdu l-annimali, jinkludi faċilitajiet iżolati;

      (ii) faċilitajiet fejn tinġabar l-isperma, jinkludu kamra separata għat-tindif, diżinfettar jew sterilizzazzjoni ta' l-apparat;

      (iii) kamra għall-proċess ta' l-isperma li ma hemmx għalfejn tkun fl-istess sit;

      (iv) kamra għall-ħażna ta' l-isperma li ma hemmx għalfejn tkun fl-istess sit;

   (ċ) mibnija jew iżolata li ma jitħallhiex kuntatt ma' bhejjem ta' barra;

   (d) mibnija b'mod u manjiera li fejn joqogħdu l-annimali u l-faċilitajiet ta' ġbir, proċessar u ħażniet ta' l-isperma jistgħu jitnaddfu u jkunu ddiżinfettati mill-ewwel;

   (e) ikollhom akkomodazzjoni iżolata li ma għandhiex komunikazzjoni diretta ma' l-akkomodazzjoni normali ta' l-annimali;

   (f) imfassla b'mod u manjiera li l-akkomodazzjoni ta' l-annimali hi fiżikament separata mill-kamra tal-proċessar ta' l-isperma u t-tnejn li huma separati mill-kamra fejn tinħażen l-isperma.

2. Iċ-ċentri ta' ħażna ta' l-isperma għandhom:

   (a) joqogħdu taħt is-sorveljanza permanenti ta' veterinarju responsabbli miċ-ċentru awtorizzat mill-awtortià kompetenti;

   (b) mibnija jew iżolati li ma jitħallhiex kuntat ma' bhejjem ta' barra;

   (ċ) mibnija b'mod u manjiera li l-faċilitajiet ta' ħażna jistgħu jitnaddfu u jkunu diżinfettati mill-ewwel.

KAPITOLU II

KONDIZZJONIJIET RELATATI MAS-SUPERVIŻJONI UFFIĊJALI TAĊ-ĊENTRI

1. Ċentri tal-ġbir għandhom:

   (a) ikunu hekk sorveljati sabiex jaraw li għandhom biss annimali ta' l-ispeċi għall-ġbir ta' l-isperma. Jistgħu jitħallew annimali domestiċi oħra li huma strettament meħtieġa għall-operazzjoni normali taċ-ċentri tal-ġbir, sakemm ma jkunux ta' riskju ta' xi infezzjoni għall-dawk l-ispeċi għall-ġbir ta' l-isperma, u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżla mill-veterinarju taċ-ċentru;

   (b) ikunu hekk sorveljati għaż-żamma tar-reġistrazzjonijiet ta' l-annimali bovini kollha li hemm fiċ-ċentru, jingħataw id-dettalji tar-razza, data tat-twelid u identifikazzjoni ta' kull annimal, kif ukoll reġistrazzjoni tal-kontroll kollu għall-mard u l-vaċċinazzjon mogħti lil kull annimal;

   (ċ) spezzjonati regolarment, ta' l-anqas darbtejn fis-sena, minn veterinarju uffiċjali, fil-kuntest tal-kontrolli permanenti fuq il-kondizzjonijiet approvati u ta' sorveljanza;

   (d) sorveljati sabiex ma jitħallhiex id-dħul ta' persuni mhux awtorizzati. Aktar minn hekk, mistiedna awtorizzati jeħtieġu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżla mill-veterinarju taċ-ċentru;

   (e) iħaddmu ħaddiema kompetenti u tekniċi u mħarrġa kif xieraq fit-teknika dwar il-proċeduri ta' l-indafa u diżinfettazzjoni relevanti għall-kontroll tal-firxa tal-mard;

   (f) issorveljati sabiex:

      (i) l-isperma miġbura biss minn ċentru approvat hija proċessata u maħżuna f'ċentri approvati, mingħajr ma tiġi f'kuntatt ma' kunsinna oħra ta' sperma. Madankollu, sperma mhix miġbura f'ċentru approvat tista' tkun proċessata f'ċentru ta' ġbir sakemm:

▼M5

— din l-isperma hija prodotta minn annimali bovini li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżla fil-Kapitolu I.1(d) ta' l-Anness B,

— l-ipproċessar isir minn apparat separat jew f'ħin differenti mill-isperma li hija intenzjonata għall-kummerċ intrakomunitarju, fl-aħħar każ l-apparat wara li jintuża irid jitnaddaf u jiġi sterilizzat,

— din l-isperma tista' ma tkunx suġġetta għall-kummerċ intrakomunitarju u fl-ebda mument ma tista' tiġi f'kuntatt ma', jew maħżuna ma', sperma li hija intenzjonata għall-kummerċ intrakomunitarju,

— din l-isperma hija identifikata b'marka differenti kif prevista fil-punt (vii);

Embrijoni ffriżati jistgħu wkoll ikunu maħżuna f'ċentri approvati sakemm:

— din il-ħażna hi awtorizzata mill-awtorità kompetenti,

— l-embrijoni jilħqu mal-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intrakomunitarju u l-importazzjoni ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini ([1]) minn terzi pajjiżi,

— l-embrijoni jkunu maħżuna f'kontejners għall-ħażniet separatament fil-lokazzjonijiet għall-ħażna ta' sperma approvata;

(ii) ġbir, proċessar u ħażna ta' l-isperma għandha ssir biss f'lokazzjonijiet miżmuma għaldaqshekk u taħt kondizzjonijiet stretti ta' iġjene;

(iii) l-istrumenti kollha li jkollhom kuntatt ma' l-isperma jew l-annimal donatur waqt il-ġbir u l-ipproċessar għandhom ikunu diżinfettati jew sterilizzati sew, qabel ma jintużaw, ħlief għall-strumenti li għandhom jintużaw darba;

(iv) prodotti ta' oriġini mill-annimali użati waqt l-ipproċessar ta' l-isperma – magħduda addittivi jew dilwent – meħudin minn egħjun li ma humiex ta' riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew qabel ma jintużaw jiġu trattati sabiex ma jkunx hemm dan ir-riskju.;

(v) kontejners ta' ħażna u kontejners ta' trasport iridu jkunu jew diżinfettati jew sterelizzati sew, qabel ma tibda l-operazzjoni tal-mili, ħlief għall-kontejners li jintużaw darba;

(vi) l-aġent krijoġeniku użat ma għandux ikun intuża qabel għall-prodotti oħra ta' oriġini mill-annimal;

(vii) kull doża individwali ta' sperma hija mmarkata f'manjiera ċara li d-data tal-ġbir ta' l-isperma, ir-razza u l-identifikazzjoni ta' l-annimal donatur u n-numru approvat taċ-ċentru jistgħu jkunu stabbiliti mill-ewwel; kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra l-karatteristiċi u l-forma ta' l-immarkar użata fit-territorju tiegħu;

(viii) il-*unit* tal-ħażna trid iżżomm mal-kondizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għaċ-ċentri tal-ħażna ta' l-isperma previst fil-punt 2.

2. Ċentri ta' ħażna għandhom:

(a) ikunu ssorveljati għaż-żamma ta' reġistrazzjoni tal-moviment ta' l-isperma kollha (fi u barra miċ-ċentru) u l-istat tal-barrin donaturi li l-isperma tagħhom hija maħżuna hemmhekk, u li għandhom iħarsu l-ħtiġiet ta' din id-direttiva;

(b) spezzjonati regolarment minn veterinarju uffiċjali, ta' l-anqas darbtejn f'sena, għall-kontrolli permanenti dwar il-kondizzjonijiet approvati u sorveljanza;

(ċ) sorveljati sabiex ma jitħallix id-dħul ta' persuni mhux awtorizzati. Aktar minn hekk, mistiedna awtorizzati jeħtieġu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżla mill-veterinarju taċ-ċentru;

(d) iħaddmu ħaddiema kompetenti u tekniċi u mħarrġa kif xieraq fit-teknika dwar il-proċeduri ta' l-iġjene u diżinfettazzjoni relevanti għall-kontroll tal-firxa tal-mard;

(e) issorveljati sabiex:

(i) sperma miġbura biss minn ċentri ta' ġbir, approvati skond din id-Direttiva li hija maħżuna f'ċentri approvati għall-ħażna, mingħajr ma tiġi f'kuntatt ma xi sperma oħra.

([1]) GU L 302, tad-19.10.1989, pg. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Decizjoni tal-Kummissjoni 94/113/KE (GU L 53, ta' l-24.2.1994, pg. 23).

▼M5

B'żieda ma' dan, sperma li ġejja biss minn ċentru approvat għall-ġbir jew ħażna u trasportati f'kondizzjonijiet li joffru kull garanzija possibli għas-saħħa, li ma kellhiex kuntatt ma' xi sperma oħra, tista' tinġieb f'ċentru approvat għall-ħażna.

Embrijoni ffriżati jistgħu jkunu maħżuna f'ċentri approvati sakemm:

— din il-ħażna hija awtorizzata minn awtorità kompetenti,

— l-embrijoni jilħqu mal-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intrakomunitarju fl-importazzjoni ta' l-embrijoni ta' l-annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini minn terzi pajjiżi,

— l-embrijoni jkunu maħżuna f'kontejners separati għall-ħażna fil-lokazzjonijiet għall-ħażna ta' sperma approvata;

(ii) ħażna ta' sperma ssir biss fil-lokazzjonijiet miżmuma għaldaqshekk taħt kondizzjonijiet stretti ta' iġene;

(iii) kull strument li jiġi f'kuntatt ma' l-isperma iridu jiġu ddiżinfettati jew sterilizzati sew qabel ma jintużaw, ħlief għall-istrumenti li jintużaw darba;

(iv) kontejners għall-ħażna jew kontejners għat-trasport huma jew ddiżinfettati jew sterelizzati sew, qabel ma jingħata bidu għal kull operazzjoni tal-mili, ħlief għall-kontejners li jintużaw darba;

(v) l-aġent krijoġeniku użat ma għandux ikun intuża qabel għall-prodotti oħra ta' oriġini mill-annimal;

(vi) kull doża individwali ta' sperma hija mmarkata f'manjiera ċara li d-data tal-ġbir ta' l-isperma, ir-razza u l-identifikazzjoni ta' l-annimal donatur u n-numru approvat taċ-ċentru jistgħu jkunu stabbiliti mill-ewwel; kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra l-karatteristiċi u l-forma ta' l-immarkar użat fit-territorju tiegħu.

▼**M5**

ANNESS B

KAPITOLU I

KONDIZZJONIJIET LI JGĦODDU GĦALL-MOVIMENT TA' L-ANNIMALI F'ĊENTRI APPROVATI GĦALL-ĠBIR TA' L-ISPERMA

1. Għall-annimali bovini kollha sabiex jitħallew jidħlu f'ċentri ta' ġbir ta' sperma għandhom jgħoddu r-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) iridu jkunu wettqu perjodu ta' kwarantina ta' l-anqas ta' 28 ġurnata f'akkomodazzjoni approvata speċifi kament għal dan il-għan minn awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, u fejn ikun hemm preżenti biss annimali ta' dufrejhom mifruqa fl-istess stat ta' saħħa;

   (b) qabel iż-żmien ta' akkomodazzjoni tagħom fil-kwarantina kif deskritt f'(a), huma kienu jagħmlu parti minn merħla li hija uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulosi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi skond id-Direttiva 64/432/KEE. L-annimali qabel ma kellhomx ikunu f'merħla bi stat inferjuri;

   (ċ) huma jridu jiġu minn merħla uffiċjalment ħielsa minn *leukosis* tal-bovini *enzootic* kif imfissra fid-Direttiva 64/432/KEE, jew imwielda minn ommijiet li kienu suġġetti, għall-eżamijiet b'riżultat negattivi, miżmuma skond l-Anness D (Kapitolu II) tad-Direttiva 64/432/KEE, wara li l-annimali jitneħħew minn ommhom. Fil-każijiet ta' annimali ġejjin mit-trasferiment ta' l-embrijon, "omm" tfisser ir-reċipjent ta' l-embrijon;

   Jekk ma tistax tintlaħaq din il-ħtieġa, l-isperma ma tistax tkun suġġetta għall-kummerċ sakemm id-donatur jilħaq l-eta ta' sentejn u jkun eżaminat skond il-Kapitolu II.I (ċ) b'riżultat negattiv;

   (d) Fi żmien 28 ġurnata li jiġu qabel il-perjodu ta' kwarantina speċifikat f'(a), għandhom ikunu suġġetti għall-eżamijiet li ġejjin b'riżultati negattivi f'kull każ, ħlief għall-eżamijiet anti-korp tal-BVD/MD imsemmija fil-punt (v):

      (i) għall-bovini tuberkulosi, eżami tuberkulin intradermali mwettaq skond il-proċedura mniżżla fl-Anness B tad-Direttiva 64/432/KEE;

      (ii) għall-bovini bruċellosi, eżami seroloġikali mwettaq skond il-proċedura stabbilita fl-Anness Ċ tad-Direttiva 64/432/KEE;

      (iii) għal-*leukosis* bovini *enzootic*, eżami seroloġiku mwettaq skond il-proċedura stabbilita fl-Anness D (Kapitolu II) tad-Direttiva 64/432/KEE;

      (iv) għall-IBR/IPV, eżami seroloġikali (virus totali) fuq kampjun taddemm jekk l-annimal ma jiġix minn merħla ħielsa mill-IBR/IPV kif imfissra fl-Artikolu 2.3.5.3 tal-Kowd Internazzjonali dwar is-Saħħa ta' l-Annimali;

      (v) għall-BVD/MD,

         — eżami iżolat għall-virus jew eżami iżolat għall-*antigen*, u

         — eżami seroloġiku sabiex jiddetermina l-preżenza jew in-nuqqas ta' l-anti-korpi.

      L-awtorità kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjoni li jitwettqu l-eżamijiet li hemm referenza għalihom fi (d) fuq kampjuni miġbura mill-post tal-kwarantina. F'dan il-każ, il-perjodu ta' kwarantina li hemm referenza għalih fl-(a) jista' ma jibdiex qabel id-data tal-kampjun. Madankollu, jekk xi eżami mniżżel fl-(a) jirriżulta pożittiv, l-annimal konċernat għandu jitneħħa immedjatament mill-post ta' isolazzjoni. Fil-każ ta' grupp ta' isolazzjoni, il-perjodu ta' kwarantina li hemm referenza għalih fl-(a) jista' ma jibdiex għall-bqija ta' l-annimali sakemm jitneħħa l-annimal li rriżulta pożittiv.

   (e) fil-perjodu ta' kwarantina speċifikat fl-(a), u ta' l-anqas 21 ġurnata wara li ddaħħal għall-kwarantina (ta' l-anqas sebat ijiem wara li jiddaħħal għall-kwarantina sabiex isirlu eżami għall-*Campylobacter fetus ssp.venrelis* u *Trichomonas foetus)* kienu suġġetti għall-eżamijiet li ġejjin f'kull każ b'riżultati negattivi, ħlief għall-eżami antikorp tal-BVD/MD (ara punt (iii) hawn taħt):

      (i) għall-bovini bruċellosi, eżami seroloġikali mwettaq skond il-proċedura stabbilita fl-Anness Ċ tad-Direttiva 64/432/KEE;

      (ii) għall-IBR/IPV, eżami seroloġiku (virus totali) fuq kampjun taddemm;

      Jekk xi annimali jirriżultaw pożittivi, dawn l-annimali għandhom jitneħħew minnufih mill-post tal-kwarantina u l-annimali l-oħra ta' l-istess grupp għandhom jibqgħu fil-kwarantina u jerġgħu jkunu eżaminati, b'riżultati negattivi, mhux anqas minn 21 ġurnata wara li jitneħħa(ew) l-annimal(i) li rriżulta(w) fil-pożittiv.

▼M5

(iii) għall-BVD/MD,

— eżami iżolat tal-virus jew eżami iżolat ta' l-*antigen*, u

— eżami seroloġiku sabiex jiddetermina l-preżenza jew in-nuqqas ta' l-anti-korpi.

Kull annimal (seronegattiv jew seropożittiv) jista' jitħalla jidħol biss fil-faċilitajiet tal-ġbir ta' l-isperma jekk ma feġġitx fl-annimali is-*sero-conversion* li għall-eżamijiet li sarulhom qabel ma daħlu fil-post tal-kwarantina irriżultaw seronegattivi.

Jekk tfeġġ is-*siero-conversion,* il-bqija ta' l-annimali kollha seronegattivi għandhom jibqgħu fil-kwarantina għall-perjodu itwal taż-żmien, sakemm fil-grupp ma jkunx hemm aktar *sero-conversion* għall-perjodu ta' tliet ġimgħat. L-annimali pożittivi seroloġikament jistgħu jitħallew jidħlu fil-faċilitajiet ta' ġbir ta' l-isperma;

(iv) għall-*Campylobacter fetus ssp. venerealis:*

— fil-każ ta' annimali ta' anqas minn sitt xhur jew miżmuma minn dik l-eta fi grupp ta' l-istess sess qabel il-kwarantina, eżami wieħed fuq kampjun ta' likwidu tal-ħasla artifiċjali vaġinali jew materjal tal-prepuzju;

— fil-każ ta' annimali li għandhom sitt xhur jew aktar li qabel il-kwarantina setgħu kellhom kuntatt mal-feminili, eżami magħmul f'intervalli ta' tlett darbiet fil-ġimgħa fuq kampjun ta' likwidu tal-ħasla artifiċjali vaġinali jew materjal tal-prepuzju;

(v) għall-*Trichomonas foetus:*

— il-każ ta' annimali ta' anqas minn sitt xhur jew miżmuma minn dik l-età fi grupp ta' l-istess sess qabel il-kwarantina, eżami wieħed fuq kampjun ta' l-isperma tal-prepuzju;

— fil-każ ta' annimali li għandhom sitt xhur jew aktar li qabel il-kwarantina setgħu kellhom kuntatt mal-feminili, eżami magħmul f'intervalli ta' tliet darbiet fil-ġimgħa fuq kampjun ta' l-isperma tal-prepuzju.

Jekk xi wieħed minn dawn l-eżamijiet jirrizulta fil-pożittiv, l-annimal għandu jitneħħa mill-akkomodazzjoni ta' iżolament minnufih. Fil-każ ta' iżolazzjoni ta' grupp, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tirristabbilixxi l-eleġibbiltà tal-bqija ta' l-annimali sabiex jidħlu fiċ-ċentri ta' ġbir skond l-Anness.

(f) qabel it-trasmess inizjali ta' l-isperma tal-barrin li rriżultaw seroloġikament pożittivi għall-eżami tal-BVD/MD, kampjun ta' l-isperma ta' kull annimal għandha tkun suġġetta għall-eżami ta' iżolatament għall-virus jew għall-virus *antigen* ta' ELISA għall-BVD/MD. Fil-każ ta' riżultat pożittiv, il-barri għandu jitneħħa miċ-ċentru u tkun distrutta l-isperma kollha tiegħu.

2. L-eżamijiet kollha għandhom jitwettqu f'laboratorju approvat mill-Istat Membru.

3. L-annimali jistgħu jitħallew jidħlu biss fiċ-ċentri ta' ġbir ta' l-isperma bil-permess espliċitu mill-veterinarju taċ-ċentru. Għandu jkun reġistrat, kull moviment ta' dħul u ħruġ.

4. L-ebda annimal ma għandu juri xi sinjali kliniċi ta' mard fil-ġurnata li jitħalla jidħol fiċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, kull annimal għandu jiġi minn post ta' akkomodazzjoni iżolata, kif hemm referenza fil-paragrafu 1(a), meta fil-ġurnata tal-kunsinna uffiċjali tħarsu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li kien sitwat fiċ-ċentru ta' żona li għandha raġġ ta' 10 kilometri f'liema żona ma kienx hemm mard ta' l-ilsien u dwiefer ta' l-anqas għal 30 ġurnata;

(b) li għal tliet xhur kien ħieles minn marda ta' l-ilsien u dwiefer u bruċellosi;

(ċ) li kien ħieles ta' l-anqas għal 30 ġurnata minn dak il-mard tal-bovini liema mard hu obbligatament notifikabbli skond l-Anness E tad-Direttiva 64/432/KEE.

5. L-annimali jistgħu jkunu trasferiti minn ċentru appovat għall-ġbir ta' l-isperma għal ieħor ta' l-istess stat sanitarju, mingħajr iżolament jew eżamijiet jekk it-trasferiment hu dirett, sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet imniżżlin fil-paragrafu 4 u l-eżamijiet ta' rutina li hemm referenza għalihom fil-Kapitolu II twettqu matul it-12-il xahar ta' qabel. L-annimal fil-kwistjoni ma għandux jiġi f'kuntatt direttament jew indirettament ma' annimali b'dufrejhom mifruqa li huma fi stat inferjuri ta' saħħa u l-mezz ta' trasport qabel ma jintuza għandu jkun diżinfettat. Jekk il-moviment minn ċentru għall-ieħor tal-ġbir ta' l-isperma isir bejn l-Istati Membri għandu jitwettaq skond id-Direttiva 64/432/KEE.

▼M5

KAPITOLU II

EŻAMIJIET TA' RUTINA LI GĦANDHOM JAPPLIKAW GĦALL-ANNIMALI BOVINI KOLLHA F'ĊENTRU APPROVAT GĦALL-ĠBIR TA' L-ISPERMA

1. Kull annimal bovin miżmum f'ċentri approvati għall-ġbir ta' l-isperma għandhom ikunu suġġetti għall-eżamijiet li ġejjin, b'riżultat negattiv għall-anqas għal sena:

   (a) għall-bovini tat-tuberkolożi, eżami intradermali tuberkulin, imwettaq skond il-proċedura mniżżla fl-Anness B tad-Diretttiva 64/432/KEE;

   (b) għall-bovini bruċellosi, eżami seroloġiku mwettaq skond il-proċedura kif deskritta fl-Anness Ċ tad-Direttiva 64/432/KEE;

   (ċ) għal-*leukosis* tal-bovini *enzootic,* eżami seroloġiku mwettaq skond il-proċedura kif deskritta fl-Anness D (Kapitolu II) tad-Direttiva 64/432/KEE;

   (d) għall-IBR/IPV, eżami seroloġiku (virus totali) fuq kampjun tad-demm;

   (e) għall-BVD/MD, seroloġiku anti-korp li hu applikat biss għall-annimali seronegattivi;

   Jekk annimal jiġi serologikament pożittiv, kull eġukalazzjoni ta' dak l-annimal miġbura mill-aħħar eżami b'riżultat negattiv għandha titwarrab jew eżaminata għall-virus b'riżultati negattivi.

   (f) għall-*Campylobacter fetus ssp. venerealis*, eżami fuq kampjun ta' l-isperma prepuzja. Dawk il-barrin li huma biss għall-produzzjoni ta' l-isperma jew għandhom kuntatt ma' barrin li qegħdin għall-produzzjoni ta' l-isperma għandhom ikunu eżaminati. Barrin li ġew lura għall-ġbir wara nuqqas ta' aktar minn sitt xhur għandhom ikunu eżaminati mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel ma jibdew il-produzzjoni;

   (g) għall-*Trichomonas foetus*, eżami fuq kapmjun ta' sperma prepuzja. Dawk il-barrin biss għall-produzzjoni ta' l-isperma jew għandhom kuntatt ma' barrin li qegħdin għall-produzzjoni jinħtieġu li jkunu eżaminati. Barrin li ġew lura għall-ġbir wara nuqqas ta' aktar minn sitt xhur għandhom ikunu eżaminati mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel ma jibdew il-produzzjoni.

2. Kull eżami għandu jitwettaq f'laboratorju approvat mill-Istat Membru.

3. Jekk xi wieħed mill-eżamijiet ta' hawn fuq jirriżulta pożittiv, l-annimal għandu jkun iżolat u l-isperma li nġabret mill-aħħar eżami li rriżultat fin-negattiv tista' ma tkunx suġġetta għall-kummerċ intrakomunitarju bl-eċċezzjoni, għall-BVD/MD, ta' l-isperma minn kull eġukalazzjoni li rriżultat virus negattiv għall-eżami tal-BVD/MD.

   Sperma miġbura mill-annimali l-oħra kollha li qegħdin fiċ-ċentru minn dik id-data meta l-eżamijiet irriżultaw pożittivi għandha tinżamm maħżuna separatament u tista' ma tkunx suġġetta għall-kummerċ intrakomunitarju sakemm jinkiseb lura l-istat ta' saħħa taċ-ċentru.

▼M5

ANNESS Ċ

KONDIZZJONIJIET LI JRIDU JKUNU SODISFATTI MILL-ISPERMA GĦALL-KUMMERĊ INTRAKOMUNITARJU JEW GĦALL-IMPORTAZZJONI FIL-KOMUNITÀ

1. L-isperma trid tinkiseb minn annimali li:

   (a) klinikament ma jurux sinjali ta' mard fil-ġurnata tal-ġbir ta' l-isperma;

   (b) (i) (i) ma ngħatax il-vaċċinazzjon għal kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer matul it-12-il xahar ta' qabel il-ġbir, jew

   (ii) ingħata l-vaċċinazzjon kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer matul it-12-il xahar ta' qabel il-ġbir, f'liema każ 5 % (permezz ta' ħamest tibniet minimu) ta' kull ġabra għandha titpoġġa għall-eżami ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' l-ilsien u dwiefer b'riżultati negattivi;

   (ċ) ma ngħatawx immedjatament il-vaċċinazzjon kontra l-marda ta' l-ilsien u dwiefer fi żmien 30 ġurnata qabel il-ġbir;

   (d) fil-każ ta' ġbir ta' sperma friska, immedjatament qabel il-ġbir ta' l-isperma nżammu f'ċentru approvat għall-ġbir ta' l-isperma għall-perjodu kontinwu ta' 30 ġurnata;

   (e) ma jitħallewx iservu naturalment;

   (f) qabel il-ġbir ta' l-isperma u 30 ġurnata wara l-ġbir għal anqas għal tliet xhur inżammu f'ċentri ta' ġbir ta' l-isperma li kienu ħielsa mill-marda ta' l-ilsien u dwiefer jew, fil-każ ta' sperma friska, sad-data ta' trasmess, li huma sitwati f'żona ta' raġġ ta' 10 kilometri fejn, ta' l-anqas għal 30 ġurnata ma kienx hemm każ tal-marda ta' l-ilsien u dwiefer;

   (g) inżammu f'ċentri ta' ġbir ta' l-isperma li, matul il-perjodu ta' 30 ġurnata li jibda jgħodd mill-ġurnata ta' qabel il-ġbir u jispiċċa 30 ġurnata wara l-ġbir ta' l-isperma jew, fil-każ ta' sperma friska, sad-data ta' trasmess, kienu ħielsa minn dak il-mard tal-bovini liema mard hu obbligatament notifikabbli skond l-Anness E(I) tad-Direttiva 64/432/KEE.

2. Għandhom jiżdiedu l-antibijotiċi mniżżla hawn taħt għall-produzzjoni ta' dawn il-konċentrazzjonijiet fid-dilwita finali ta' l-isperma:

   mhux anqas minn:

   — 500 µg *streptomycin* per ml dilwita finali,

   — 500 IU *penicillin* per ml dilwita finali,

   — 150 µg *lincomycin* per ml dilwita finali,

   — 300 µg *spectinomycin* per ml dilwita finali.

   Tista', b'effett ekwivalenti, tintuża alternattiva ta' taħlita oħra ta' antibijotiċi kontra l-*campylobacters, leptospires* u *mycoplasmas*.

   Immedjatament wara ż-żieda tagħhom l-isperma dilwita trid tinżamm f'temperatura ta' l-anqas ta' 5 °C għal mhux anqas minn 45 minuta.

3. Sperma għall-kummerċ intrakomunitarju trid:

   (a) qabel tkun trasmessa, tkun maħżuna f'kondizzjonijiet approvati għall-perjodu minimu ta' 30 ġurnata. Dan ir-rekwiżit ma għandux jgħodd għall-isperma friska.

   (b) tinġarr għad-destinazzjoni ta' l-Istat Membru f'kontejners li tnaddfu u li kienu ddiżinfettati jew sterilizzati qabel intużaw u li kienu ssiġillati u nnumerati qabel it-tluq mill-faċilitajiet approvati għall-ħażna.

▼M6

L-ANNESS D

MUDELLI TA' ĊERTIFIKATI GĦALL-KUMMERĊ INTRA-KOMUNITARJU

L-ANNESS D I

Il-mudell li ġej ta' ċertifikat huwa applikabbli għall-kummerċ intra-komunitarju ta' sperma miġbura skond id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE kif emendata bid-Direttiva 2003/43/EC

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA SPERMA TA' ANNIMALI DOMESTIĊI TA'L-ISPEĊI BOVINA GĦALL-KUMMERĊ INTRA-KOMUNITARJU MIĠBURA SKOND ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 88/407/KEE KIF EMENDATA BID-DIRETTIVA 2003/43/KE		
1. Stat Membru ta' provenjenza u awtorità kompetenti.	2. Nru taċ-ċertifikat tas-sahha.	
A. ORIĠINI TA' L-ISPERMA		
3. Numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru ta' provenjenza tal-kunsinna: ġbir/ħażna (1)		
4. Isem u indirizz taċ-ċentru ta' provenjenza tal-kunsinna: ġbir/ħażna (1)	5. Isem u indirizz tal-kunsinnatarju	
6. Pajjiż u post tat-taghbija	7. Mezz ta' trasport	
B. DESTINAZZJONI TA' L-ISPERMA		
8. Membru Stat ta' destinazzjoni	9. Isem u indirizz tad-destinatarju	
Ċ. IDENTIFIKAZZJONI TA' L-ISPERMA		
10.1. Marka ta' identifikazzjoni tad-dożi (2)	10.2. Numru ta' dożi	10.3. Numru ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru ta' ġbir ta' oriġini
D. INFORMAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA		
Jiena, hawn taħt iffirmat uffiċjal veterinarju, niċċertifika li:		
11.1. L-Isperma deskritta hawn fuq (a) kienet miġbura, proċessata u maħżuna taħt kondizzjonijiet li jikkonformaw ma' l-istandards preskritti fid-Direttiva 88/407/KEE; (b) intbaghtet fil-post tat-taghbija f'kontenitur issiġillat taħt kondizzjonijiet li jikkonformaw mad-Direttiva 88/407/KEE u li jġorr in-numru		

▼**M6**

11.2. L-isperma deskritta hawn fuq kienet miġbura minn barrin: (i) li jew ma kienux imlaqqmin kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-ahhar 12-il xahar qabel il-ġbir (1); jew (ii) li kienu ġew imlaqqma kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer anqas minn 12-il xahar u aktar minn 30 jum qabel il-ġbir, u 5 % tad-doži ta' l-isperma ta' kull ġbir, b'minimu ta' hames tibniet, ikunu ntbaghtu ghal test ta' iżolament tal-virus ghall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer imwettaq u b'riżultati negattivi fil-laboratorju (.....) (3), li jinsab fi, jew nominat mill-Istat Membru tad-destinazzjoni (1);		
11.3. L-isperma deskritta hawn fuq kienet maħżuna f'kondizzjonijiet approvati ghal perjodu minimu ta' 30 jum minnufih wara l-ġbir (4).		
E. VALIDITÀ		
12. Data u post	13. Isem u kariga ta' l-uffiċjali veterinarju	14. Firma u timbru ta' l-uffiċjal veterinarju

(1) Hassar kif xieraq.
(2) Li jikkorrispondi ma' l-identifikazzjoni ta' l-annimali donaturi u d-data tal-ġbir.
(3) Isem tal-laboratorju.
(4) Tista' tithassar ghal sperma friska.

▼M6

L-ANNESS D 2

Il-mudell li ġej ta' ċertifikat huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005 għall-kummerċ intra-komunitarju ta' sperma miġbura ipproċessata u/jew maħżuna qabel il-31 ta' Diċembru 2004 skond il-kondizzjonijiet ta' qabel tad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE u negozjata wara dik id-data skond l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/43/KE

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA SPERMA TA' ANNIMALI DOMESTIĊI TA' L-ISPEĊI BOVINA MIĠBURA U PPROĊESSATA QABEL IL-31 TA' DIĊEMBRU 2004, GĦALL-KUMMERĊ INTRA-KOMUNITARJU MILL-1 TA' JANNAR 2005, SKOND L-ARTIKOLU 2(2) TAD-DIRETTIVA 2003/43/KE			
1. Stat Membru ta' provenjenza u awtorità kompetenti.			2. Nru taċ-ċertifikat tas-saħħa
A. ORIĠINI TA' L-ISPERMA			
3. Numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru ta' provenjenza tal-kunsinna: ġbir/ħażna (1)			
4. Isem u indirizz taċ-ċentru ta' provenjenza tal-kunsinna: ġbir/ħażna (1)		5. Isem u indirizz tal-kunsinnatarju	
6. Pajjiż u post tat-tagħbija		7. Mezz ta' trasport	
B. DESTINAZZJONI TA' L-ISPERMA			
8. Membru Stat ta' destinazzjoni		9. Isem u indirizz tad-destinatarju	
Ċ. IDENTIFIKAZZJONI TA' L-ISPERMA			
10.1. Marka ta' identifikazzjoni tad-dożi (2)	10.2. Data tal-ġbir (3)	10.3. Numru ta' dożi	10.4. Numru ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru ta' ġbir ta' oriġini
D. INFORMAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA			
Jiena, hawn taħt iffirmat uffiċjal veterinarju, niċċertifika li:			
11.1. L-Isperma deskritta hawn fuq kienet miġbura qabel id-data tal-31 ta' Diċembru 2004 f'ċentru ta' ġbir ta' l-isperma li kien: (a) approvat taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness A, Kapitolu I tad-Direttiva 88/407/KEE; (b) operata u sorveljata taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness A, Kapitolu II tad-Direttiva 88/407/KEE.			

▼**M6**

11.2. Fiż-żmien li kienet miġbura l-isperma deskritta hawn fuq, l-annimali bovini kollha fiċ-ċentru tal-ġbir ta' l-ispera: (a) kienu ġejja minn merhliet u/jew imwielda minn baqar li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-punti 1(b) u (ċ) tal-Kapitolu I ta' l-anness B tad-Direttiva 88/407/KEE; (b) kienu fit-30 jum li jiġu qabel il-perjodu ta' kwarantina ta' iżolament, għaddew b'riżultati negattivi: — it-testijiet mehtieġa bl-Anness B, il-Kapitolu I, 1(d) (i), (ii), (iii) tad-Direttiva 88/407/KEE; u — test tan-newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għar-rhinotracheitis infettuża tal-bovini/postular vulvo-vaginatis, u — test ta' l-iżolament tal-virus (fluotescent antibody test jew immonoperoxidase test) għad-dijareja virali bovina, li fil-każ ta' annimal ta' età ta' anqas minn sitt xhur, kien differeit sakemm intlaħqet dik l-età. (ċ) ikunu ssodisfaw il-perjodu ta' kwarantina ta' iżolament ta' 30 jum u tkun ġiet suġġetta għar-riżultati mehtieġa negattivi tat-testijiet tas-saħħa li ġejjin: — test seroloġiku għall-bruċeloża mwettaq skond il-proċedura deskritta fl-Anness Ċ li jinsab mad-Direttiva 64/432/KEE; — jew test immunofluorescent antibodyjew test ta' kultura għal campylobacter ta' infezzjoni tal-fetus fuq kampjun ta' materjal preputial jew ħasliet artifiċjali tal-vaġina, jew, fil-każ ta' annimal femminili, test ta' mucus agglusination vaġinali; — eżami mikroskopiku u test tal-kultura għl trichomonas fetus fuq kampjun ta' materjal preputial jew ħasliet artfiċjali tal-vaġina, jew fil-każ ta' annimal femminili test ta' mucus agglusination vaġinali. (d) ikunu għaddew, ta' l-anqas darba fis-sena, b'riżultati negattivi, t-testijiet ta' rutina msemmija fil-punti 3(a), (b) u (ċ) fil-Kapitolu I ta' l-Anness B li jinsab mad-Direttiva 88/407/KEE.
11.3. Fiż-żmien li l-isperma deskritta hawn fuq kienet miġbura: (a) l-annimali femminili bovini kollha fiċ-ċentru jkunu għaddew, ta' l-anqas darba fis-sena, minn test ta' mucus agglusination vaġinali għal campylobacter ta' infezzjoni tal-fetus b'riżultati negattivi, u (b) il-barrin kollha wżati għall-produzzjoni ta' l-ispera jkunu għaddew b'riżultati negattivi, jew minn immunofluorescent antibody jew test ta' kultura għal campylobacter ta' infezzjoni tal-fetus fuq kampjun ta' materjal preputial jew ħasliet artifiċjali tal-vaġina imwettqa fi żmien 12-il xahar qabel il-ġbir.
11.4. L-isperma deskritta hawn fuq kienet miġbura minn barrin li kienu jinsabu f'ċentru tal-ġbir ta' l-isperma li fih (i) l-annimali bovini kollha kienu għaddew ta' l-anqas darba fis-sena b'riżultati negattivi minn test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA jew test għar-rhinotracheitis infettuża tal-bovini/postular vulvo-vaginatis [1], jew (ii) l-annimali bovini mhux imlaqqma kontra r-rhinotracheitis infettuża tal-bovini ikunu għamlu ta' l-anqas darba fis-sena b'riżultati negattivi test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għar-rhinotracheitis infettuża tal-bovini/postular vulvo-vaginatis u ttestjar għar-rhinotracheitis infettuża tal-bovini ma jkunx twettaq fuq barrin li jkunu rċevew l-ewwel tilqima kontra r-rhinotracheitis infettuża tal-bovini fiċ-ċentru ta' inseminazzjoni wara li jkun ġew ittestjati b'riżultati negattivi f'test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew test ELISA għar-rhinotracheitis infettuża tal-bovini/postular vulvo-vaginatis u li mill-ewwel tilqima jkunu ġew regolarment imlaqqma mill-ġdid b'intervalli ta' mhux aktar minn sitt xhur [1].
11.5. L-isperma deskritta hawn fuq kienet miġbura minn barrin: (i) jew li ma kienux imlaqqma kontra l-marta ta' l-ilsien u d-dwiefer fi żmien 12-il xahar qabel il-ġbir [1]; jew (ii) li kienu ġew imlaqqma kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer anqas minn 12-il xahar u aktar minn 30 jum qabel il-ġbir, u 5 % tad-doża ta' l-isperma minn kull ġbir, b'minimu ta' ħames tibniet, ikunu ntbaghtu għal test ta' l-iżolament tal-virus tal-l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, imwettaq b'riżultati negattivi fil-laboratorju (.....) [4] li jinsab fi jew nominat mill-Istat Membru ta' destinazzjoni [1].

▼**M6**

11.6. L-isperma kienet maħżuna f'kondizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum minnufih wara l-ġbir (5).		
11.7. L-isperma deskritta hawn fuq kienet intbagħtet fil-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat li jġorr in-numru		
E. VALIDITÀ		
12. Data u post	13. Isem u kariga ta' l-uffiċjali veterinarju	14. Firma u timbru ta' l-uffiċjal veterinarju

(1) Ħassar kif xieraq.
(2) Li jikkorrispondi ma' l-identifikazzjoni ta' l-annimali donaturi, ir-razza ta' l-annimali donaturi, d-data tal-ġbir u l-istatus seroloġiku ta' l-annimal donatur fir-rigward tar-rhinotracheitis infettuża tal-bovini/postular vulvo-vaginatis.
(3) Id-dati tal-ġbir għandhom ikunu aktar kmieni mill-31 ta' Diċembru 2004.
(4) Isem tal-laboratorju.
(5) Tista' tiħassar għal sperma friska.